**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**kontra**

**NATHAN AGIUS**

**(ID 184794(M))**

**Kaz Nru.: 375/14**

**Illum, l-1 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Nathan Agius,** ta' dsatax (19) il-sena, iben Emanuel u Maria Dolores nee' Zammit, imwield il-Pieta nhar it-18 ta' April 1994 u joqghod No. 48, Il-Holma, Triq l-Izbandola, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 184794(M), senjatament akkuzat talli nhar it-2 ta' Marzu 2014 u fit-tlett snin ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-

Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kellu fil-pusses tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emnendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31)[1] u ai termini tas-subartikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101)[2], sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021[3] kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet ghas-smigh mill-gdid tax-xhieda gia mismugha minn dina l-Qorti diversament preseduta[4];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 4 tal-atti processwali.
[2] Fol. 5 tal-atti processwali.
[3] Fol. 83 tal-atti processwali odjerni
[4] Fol. 86 tal-atti processwali odjerni.

Illi l-fatti mertu tal-proceduri odjerni jirrisalu lura ghal-lejl ta' bejn it-2 u it-3 ta' Frar 2014 meta l-pulizija (PS635[5] u PC1295 Dillon Abela), waqqfu lill-qua imputat, Nathan Agius, fil-*carpark* ta' hdejn Sky Club gewwa Paceville u ghamlulu tfittxija fuq il-persuna tieghu. Minn din it-tfittxija rrizulta li l-qua imputat kellu kontenitur zghir tal-plastic tat-Tic Tac li go fih kien hemm madwar erbgha u ghoxrin (24) pillola blu suspettati ecstasy. PC1295 Dillon Abela kkonferma li l-imsemmija kaxxa tat-Tic Tac instabet minnu fil-but tal-jeans tal-imputat. Agius gie arrestat u mehud fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemmhekk ittehditlu stqarrija wara li ffirma d-dikjarazzjoni permezz ta' liema rrifjuta d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju. WPS 297 Rhian Bartolo Spiteri xehdet dwar il-volontarjeta' tal-imsemmija stqarrija u dikjarazzjoni.

Is-sustanza giet ezebieta fil-proceduri odjerni bhala dokument NS2 u analizata mix-xjenzat Godwin Sammut[6] li kkonkluda:

> *"Illi fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn blu li hemm fid-dokument 211_15_01 instabet is-sustanza 3,4-methylenedioxy-N-methylamphetamine (MDMA). In-numru ta' pilloli kien ta' 24. Din is-sustanza hija kkontrollata taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta."*[7]

Illi waqt il-proceduri odjerni, l-qua imputat – Nathan Agius, ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda minn jeddu fejn bil-gurament spjega kif dakinhar kien qieghed fil-parking tal-Westin, waqfuh il-pulizija u minn tfittxija li ghamlu fuq il-persuna tieghu sabulu 24 pillola. Huwa jispjega li meta waqqfuh il-pulizija kien ghadu jasal u kien sejjer party gewwa l-Sky Club. Mitlub jispjega l-ghaliex kellu l-ammont ta' 24 pillola fuqu, l-imputat jghid is-segwenti:

> *"Ghax kont wasalt kmieni, fit-tmienja minghalija ta' filghaxija u kien behsiebni naghmel sat-tard jew kmieni filghodu nsomma. U kont nabbuza u kont niehu xi tnejn fis-siegha. Ghax ma tantx kienu qawwijin daqshekk."*[8]

Mitlub jispjega kemm kien jikkonsma dak iz-zmien, l-imputat iddikjara:

[5] PS635 ma gie qatt prodott bhala xhud fil-kawza odjerna.
[6] Espert mahtur ghal dan l-iskop minn dina l-Qorti (diversament preseduta).
[7] Fol. 34 tal-atti processwali.
[8] Fol. 47 tal-atti processwali.

> *"Dak iz-zmien kelli lil ommi u kienu bghatu ghaliha minhabba breast cancer u kont ghaddej fi zmien hazin."*[9]

Fix-xhieda tieghu jispjega ukoll li llum il-gurnata huwa biddel l-istill ta' hajja tieghu fejn ilu clean ghal hames snin u ghandu xoghol stabbli gewwa l-Freeport ghal dawn l-ahhar tlett snin[10].

Fuq talba tad-difiza gie redatt ukoll *Social Inquiry Report*[11] minn fejn jirrizulta li:

> *"Fir-rigward tal-uzu tad-droga huwa sostna li beda jaghmel uzu mis-sustanza tal-ecstasy meta kellu sbatax-il sena, meta kien jattendi ghal hafna parties ma shabu li kien maghhom l-iskola. Barra minnhekk stqarr li kien jaghmel uzu mill-kannabis fuq bazi reolgari. ... Minkejja li huwa jammetti li ma kienx hemm raguni partikolari bil-bidu li beda jaghmel uzu minn sustanzi illeciti, jistqarr li kien fl-2013 li l-abbuz ta' sustanzi iggrava meta huwa skopra li ommhu kellha kancer tas-sider. Huwa qal li kien jewden hafna fuqha lejl u nhar u l-kannabis kienet mezz li tghinu jikkallma matul l-istress qawwi li kien ghaddej minnhu. Jidher li l-imputat ma ghamilx perjodu twil jabbuza minn sustanzi."*[12]
>
> *...*
>
> *"Fir-rigward tal-uzu tas-sustanzi lleciti, l-imputat beda jaghmel uzu mis-sustanza tal-ecstasy ta' sbatax-il sena minhabba l-kumpanija li kien jaghmilha maghha. Dan l-uzu kompla jiggrava meta skopra li ommu kellha marda tal-kancer. Jidher li d-droga tal-kannabis kienet mezz biex tghinu jikkalma matul il-perjodu qawwi ta' stress li kien ghaddej minnu. Jirrizulta li l-imputat m'ghamilx perjodu twil jabbuza minn sustanzi illeciti, u ilu hieles mill-problema tad-droga ghal dawn l-ahhar hames snin. Minkejja li ma setax jittiehed kampjun tal-urina f'dan il-perjodu, minn kuntatt li sar mal-varji agenziji ta' kontra l-abbuz tad-droga, jirrizulta li Nathan qatt ma fittex ghajnuna professjonali fi hdan dawn l-Agenziji."*[13] (emfazi ta' din il-Qorti).

Illi stabbiliti l-fatti hawn fuq imsemmija, fl-ewwel lok, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tindirizza l-kwistjoni tal-istqarrija sollevata mid-difiza fl-udjenzi tad-19

---

[9] Fol. 49 tal-atti processwali.
[10] Fol. 49 tal-atti processwali.
[11] Fol. 61 tal-atti processwali.
[12] Fol. 64 tal-atti processwali
[13] Fol. 66 tal-atti processwali.

ta' Novembru 2018[14] u 20 ta' Marzu 2019[15]. Illi f'dawn l-udjenzi d-difiza talbet lil din il-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rrilaxxata minn Agius fi stadju investigattiv u dana fid-dawl tas-sentenzi fl-ismijiet: P. vs. Aldo Pistella; Christopher Bartolo vs. Avukat Generali u r-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello u galadarba l-qua imputat ma kienx mghoti d-dritt li jkun legalment assistiet waqt l-interrogazzjoni.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-qua imputat irrillaxxa stqarrija lill-pulizija fit-3 ta' Marzu 2014[16] u dana wara li l-imputat iffirma dikjarazzjoni[17] li permezz taghha rrifjuta d-dritt ghall-assistenza legali qabel it-tehid tal-istess stqarrija. Kif inghad izjed 'il fuq f'din is-sentenza l-prosekuzzjoni ipproduciet bhala xhud lil WPC 297 Rhian Bartolo Spiteri li min-naha taghha ikkonfermat il-volontarjeta' kemm tal-istqarrija kif ukoll tad-dikjarazzjoni immarkata bhala Dok. NS1.

Minkejja dan kollu jirrizulta b'mod car li l-qua imputat ma giex offrut id-dritt ghall-assistenza legali <u>waqt</u> it-tehid tal-istess stqarrija. Galadarba huwa gie offrut id-dritt ghall-assistenza legali qabel it-tehid tal-istqarrija, ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti li jiggustifikaw il-fatt li l-imputat ma giex offrut id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Konsegwentament jirrizulta li l-unika raguni ghal dan in-nuqqas kienet il-fatt li l-ligi vigenti ta' dak iz-zmien kienet tippermetti biss l-assistenza legali qabel it-tehid tal-istqarrija.

Il-guriprudenza lokali ricenti fir-rigward tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju qed tistrieh fuq l-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Phillipe Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, li kien jitratta ukoll sitwazzjoni fejn il-ligi domestika relevanti ma kinitx tippermetti l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u fejn ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghalfejn ma tigiex offruta l-assistenza tal-avukat. F'dan il-pronunzjament il-Qorti adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq u ddikjarat li l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha.

> *"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ... "*

[14] Fol. 43 tal-atti processwali.
[15] Fol. 44 tal-atti processwali.
[16] Ara Dok. NS a fol. 9 tal-atti processwali.
[17] Ara Dok. NS1 a fol. 12 tal-atti processwali.

*121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ... "*

*... ... ... "139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.*

*"140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*

*"141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*

*"144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*"145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the*

*overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer*[18] *(see Ibrahim and Others, ... § 265).......*

*"147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*"148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.......*

*"150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter; "*

[18] Emfazi ta' dina l-Qorti

*(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

Fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Sammut** (16 ta' Frar 2022), saret referenza ghas-sentenza hawn fuq citata ta' Bueze vs. Belgium u ddikjarat:

> *"12. Illi f'dan il-kwadru ta' fatti, huwa indubitat illi l-istqarrija pre-trial magħmula mill-appellat, kif sussegwentement minnu ġġuramentata, hija prova determinanti f'dan il-proċess penali u dan għaliex din hija inkriminatorja. L-appellat fil-mument li kien arrestat jidher li kien ferm vulnerabbli, għalkemm kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti kien raġel matur ta' tmienja u għoxrin sena. Kien konfuż, u anzjuż. ...*
>
> *13. Illi dan kollu seħħ, kif ingħad, u kif anke stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, meta l-appellat ma kellu ebda dritt li jiddefendi ruħu permezz ta' xi forma ta' assistenza legali, bit-twissija li tingħata tkun dik vigenti skont il-liġi f'dak iż-żmien, u injar mill-konsegwenzi tal-mod kif kien qiegħed iwieġeb għal mistoqsijiet li kienu qed isirulu, seta' inkrimina ruħu u dan mingħajr ma kellu dik id-difiża adegwata. Dan jista' jisarraf f'preġudizzju irrimedjabbli għall-appellat għalkemm fl-Istruttorja kien debitament assistit kif ukoll fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa ser ikun assistit minn avukat u ser ikollu l-opportunita' iressaq id-difiża tiegħu. Illi allura, għalkemm l-istqarrija tad-09 ta' Settembru 2009 kienet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu huwa indubitat illi din il-prova li ittieħdet meta l-appellat ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu, hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellat wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għarretta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid ikun iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrija rilaxxata millappellat lil pulizija, u ftit tal-ħin wara ġġuramentata quddiem l-Inkwirenti, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellat ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq f'mument meta huwa kien vulnerabbli, u ma kienx assistit, kif indikat iktar 'il fuq, u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan ilkaż, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu blebda mod ikunu sanati anke jekk l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija magħmula mill-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din ilQorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat malpregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellat f'każ li l-istess tkun ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha."*

Dak iz-zmien tat-tehid tal-istqarrija l-qua imputat kellu biss l-eta' ta' dsatax-il sena u kellu fedina penali netta. Minn qari tal-istqarrija tal-qua imputat jirrizulta li l-istess imputat inkrimina lilu nnifsu fir-rigward tal-uhud mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu. Tant li zewgt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu jistriehu unikament fuq l-istqarrija rrilaxxata minnu. Ghaldaqstant indubbjament jirrizulta li d-dikjarazzjonijiet li ghamel fl-istqarrija tieghu ppregudikaw id-difiza tieghu b'mod irrmedjabbli.

Ghaldaqstant dina l-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-provi migbura u l-gurisprudenza ricenti relatata mal-valur probatorju li hija ghandha taghti l-istqarrija mehuda f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz odjern, partikolarment il-fatturi stabbiliti sabiex isir l-analizi tal-*overall fairness* tal-proceduri, ma hijiex tal-fehma li jkun opportun li tistrieh fuq l-istqarrija tal-qua imputat, sabiex tistabillixi r-reita o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet odjerni u ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tiskarta l-istess stqarrija fl-intier taghha.

Illi stabbilit dan il-principju u galadarba t-tieni u t-tielet imputazzjoni jistriehu unikament fuq dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputat waqt l-istqarrija tieghu, fin-nuqqas ta' provi ohra, dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat minn dawn iz-zewgt imputazzjonijiet.

L-unika imputazzjoni rimanenti hija dik ta' pussess tal-ecstasy f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-qua imputat (cioe' l-ewwel imputazzjoni). Mill-provi mressqa u anke mis-sottomissjonijiet li saru mill-abbli difensur ma jirrizultax li l-imputat qed jikkontesta l-fatt li huwa kien fil-pussess xjenti tal-pilloli ecstasy. Madanakollu qieghed jikkontendi li l-pussess kien esklussivament ghall-uzu personali tieghu.

Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tanalizza jekk mic-cirkostanzi tal-kaz odjern jirrizulta li l-pilloli li nstabu fil-pussess tal-qua imputat kienux intizi esklussivament ghall-uzu personali tieghu jew xort'ohra.

Fis-sentenza il-Pulizija vs. Marius Magri mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005 inghad:

> *"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."* (Emfazi ta' din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Brian Caruana[19], l-istess Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat:

> *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli"*

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizultaw zewgt cirkostanzi partikolari u cioe' l-ammont ta' pilloli kif ukoll il-post li fih l-imputat instab fil-pussess tal-istess pilloli. Min-naha taghha d-difiza taghmel referenza ghac-cirkostanza li xehed dwarha l-imputat u s-social inquiry report redatt fil-konfront tal-istess Agius u cioe' li f'dak il-perjodu huwa kien juza minn sustanzi illeciti b'mod aggressiv anke minhabba xi mard fil-familja.

Jinghad mal-ewwel li l-ammont t'erbgha u ghoxrin pillola misjuba fil-pussess ta' imputat mhux fir-residenza tieghu izda gewwa carpark f'Paceville (meqjus bhala centru ta' divertiment ghaz-zghazagh) huwa indikattiv ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Fix-xhieda tieghu l-imputat ipprova jispjega kif dan l-ammont sostanzjali kien intiz unikament ghall-uzu tieghu (tenut kont ic-cirkostanzi tal-lok li nstabu fihom). Madanakollu din il-Qorti tqis li l-verzjoni li ta l-imputat ma ghandhiex mis-sewwa u ma hijiex verosimili. Dan l-ghaliex l-ammont ta' erbgha u ghoxrin pillola huwa tant kunsiderevoli li huwa impossibbli ghal persuna li tikkonsmahom kollha f'serata wahda ta' divertiment.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu kemm hu aggressiv l-uzu minn sustanzi illeciti, ma hijiex verosimili u di piu' hija impossibbli li persuna tikkonsma zewgt pilloli fis-siegha ghal tnax-il siegha konsekuttivi hekk kif iddikjara l-imputat. Li kieku dak spjegat mill-imputat hu minnu, dan ifisser li huwa kien ser jaghmel jiddeverti tnax-il siegha shah waqt li jikkonsma zewgt pilloli kull siegha! Dan huwa impossibbli anke minghajr ma persuna jkollha konsegwenzi serji ta' sahha!

Fis-sottomissjonijiet tal-abbli difiza, saret referenza ukoll ghas-*social inquiry report* bil-ghan li tigi msahha t-tezi tal-uzu aggressiv minn sustanzi illeciti mill-imputat fejn bhax-xhieda tieghu ssir referenza ghall-mard fil-familja. Din il-Qorti analizzat l-imsemmi rapport. Mill-imsemmi rapport jidher car li ghal dak li

[19] 23 ta' Mejju 2002

jirrigwarda l-uzu minn sustanzi illeciti mill-imputat, il-Probation Officer strahet interament fuq dak li qallha l-imputat. Jidher ukoll li fl-istess rapport issir ukoll referenza ghall-mard fil-familja li skond l-imputat (anke fix-xhieda tieghu) jidher li kien fattur li kkontribwixxa ghall-uzu minn sustanzi illeciti b'mod aggressiv hekk kif deskritt mill-imputat. Madanakollu f'dan l-ambitu l-probation officer taghmel referenza ghall-kannabis u mhux ghall-ecstasy pills. Fil-fatt f'dan ir-rapport jinghad li l-qua imputat kien jaghmel uzu regolari mill-kannabis u mhux mill-ecstasy pills. Di piu' l-probation officer tispjega li l-uzu tal-ecstasy kien beda ferm qabel u cioe' meta l-imputat kellu sbatax-il sena meta kien jattendi ghall-parties ma shabu tal-iskola. Il-probation officer fl-ebda istanza ma' taghmel referenza ghall-uzu perikoluz tal-ecstasy sal-estremi li xehed dwarhom l-imputat ta' zewgt pilloli fis-siegha ghal tnax-il siegha b'mod konsekuttiv. Tenut kont dan kollu din l-Qorti ma tara li hemm xejn fis-*social inquiry report* li b'xi mod jistgha jiggustifika l-pussess u l-uzu ta' erbgha u ghoxrin pillola ecstasy esklussivament mill-imputat f'serata wahda ta' divertiment gewwa Paceville.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat u cioe' li l-imputat kien fil-pussess tal-pilloli ecstasy f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tqies in-natura u c-cirkostanzi tar-reat li tieghu ser jinstab hati. L-eta' tal-imputat meta kkommetta l-istess reat. Il-fedina penali tal-imputat li jidher li dak iz-zmien kienet ghada wahda netta. Ser tqis ukoll dak li jirrizulta mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat fejn inghad li il-qua imputat waqaf wahdu u minghajr ghajnuna tal-ebda agenzija mill-uzu ta' sustanzi illeciti u li llum irnexxielu jikseb livell ta' stabilita' f'hajtu fejn anke jirrizulta li ilu f'xoghol stabbli ghall-perjodu minn tal-inqas ta' tlett snin.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat ir-regolamenti 3 u 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 kif ukoll l-artikoli 120, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), din il-Qorti qed issib lill-qua imputat, Nathan Agius mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu **filwaqt li qed issib lill-istess Agius hati tal-ewwel imputazzjoni hekk kif migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' sena prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa ta' elf Ewro (Eur. 1,000)** li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Ewro (Eur. 50) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament

wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur